C/2025/4962

9.9.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12146 — OEP / KBR / BRIS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/4962)

1. Fid-29 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— OEP Capital Advisors, L.P. ("OEP", l-Istati Uniti),

— KBR, Inc. ("KBR", l-Istati Uniti),

— Brown & Root Industrial Services Holdings, LLC ("BRIS", l-Istati Uniti), li bħalissa huma kkontrollati b'mod konġunt minn KBR u Bernhard Capital Partners Management, L.P.

OEP u KBR jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' BRIS.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— L-OEP hija ditta ta' ekwità privata ffukata fuq is-setturi industrijali, tal-kura tas-saħħa u tat-teknoloġija fl-Amerka ta' Fuq u fl-Ewropa,

— KBR hija fornitur globali tat-teknoloġija, l-inġinerija integrata, l-akkwist, it-twassil tal-kostruzzjoni, u l-operazzjonijiet u s-servizzi ta' manutenzjoni.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' BRIS huma li ġejjin: l-appoġġ lill-klijenti fit-tranżizzjoni lejn sorsi alternattivi ta' enerġija u fjuwil, il-forniment ta' firxa sħiħa ta' servizzi industrijali, kif ukoll servizz ta' speċjalità ieħor. Il-BRIS topera madwar l-Amerka ta' Fuq.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12146 — OEP / KBR / BRIS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË